**Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili**

**Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.**

Seduta ta' nhar il-Erbgha 3 ta' Ottubru 2001

Citazzjoni numru 2627/96 AJM

Kawza numru 33

Avukat Gianella Caruana Curran

Vs

Noel Grima bhala editur tal-gurnal The Malta Independent u Daphne Caruana Galizia

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fit-28 ta' Awissu 1996 li permezz taghha l-attrici wara li ppremettiet illi l-konvenut Fr Noel Grima bhala editur tal-Gurnal The Malta Independent fil-harga numru 211 tal-4 ta' Awissu 1996, fil-pagna numru 7, hawn ezebita u markata dok A; ippubblika artikolu miktub mill-konvenuta Daphne Caruana Galizia, intitolat "This is no normal democracy", liema artikolu ghandu silta li tghid:- "There are a hundred questions to be asked about this case, and nobody ever doubted that it would be a Pandora's Box of stinking sleaze. Why, for example, is the daughter of the deputy Prime Minister defending a man charged with

contracting the killing of the Prime Minister's right hand man? Because she needs the money? She can hardly have been forced to do so at gunpoint, and common sense tells us that she should have refused such a politically sensitive case. Or have our principles been so hopelessly corrupted that we cannot see that this is in fact appalingly insensitive? In life, it is sometimes necessary to say 'Enough', but it is more convenient to forget this."; illi dan il-kliem sija fl-assjem tieghu, sia separatament, hu ingurjuz, libelluz u malafamanti ghar-reputazzjoni tal-attrici w jikkawzalha danni, inkwantu fost affarijiet ohra, jattribwilha fatti determinanti bl-iskop li joffendi l-unur u r-reputazzjoni taghha w bl-iskop li jwaqqaha ghad-disprezz tal-pubbliku; illi konsegwentement l-istanti, bhala parti offiza, ghandha dritt ghad-danni kif kontemplati fl-Att dwar l-Istampa (Kapitolu 248 tal-Ligijiet ta' Malta); talbet li din il-Qorti:-

1. tiddikjara u tiddecidi illi l-istess konvenuti jew min minnhom taw malafama lill-attrici bl-istampat irriferit sia fl-assjem tieghu, sia separatament, bil-ghan li jtellfu jew jnaqqsu r-reputazzjoni taghha;
2. tikkundanna konsegwentement lill-konvenuti flimkien jew min minnhom ihallsu lill-attrici dawk dawk id-danni li jigu minn din il-Qorti likwidati ghal dan l-iskop u dan ghat-tenur tal-Kap 248 tal-Edizzjoni Riveduta tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjes u bl-ingunzjoni tal-konvenuti li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokument ezebit mill-attrici.

Rat in-nota ta' Daphne Caruana Galizia presentata fis-27 ta' Mejju 1997 li permezz taghha eccepiet:-

1. Illi ma gie adebitat l-ebda fatt li mhux storikament veru. Il-kumplament huwa espressjoni ta' opinjoni, mfassal f'mistoqsijiet li jistghu jitqiesu kritici imma mhux malafamanti.
2. Illi hija ghandha d-dritt tal-espressjoni u kull kundanna jew censura, anke in bazi tal-ligi citata jikkostitwixxi vjolazzjoni tad-dritt tal-eccipjenti taht l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-dritt tal-bniedem. (Kap 319).

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tal-konvenuta.

Rat in-nota tal-konvenut Fr Noel Grima presentata fit-3 ta' Gunju 1997 li permezz taghha eccepixxa:-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt peress illi l-kitba in kwistjoni hija accettabbli f'socjeta' demokratika.
2. Illi l-esponent qed jinvoka l-artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem kif inkorporat fl-Ewwel Skeda tal-Kap 319, u ghalhekk jissottometti li, ai termini ta' l-artikolu 4(3) tal-Kap 319, din il-Qorti joghgobha tiddecidi l-ewwel din il-vertenza kostituzzjonali.
3. Illi d-dmir tal-istampa huwa li jinforma lill-pubbliku dwar hwejjeg ta' interess pubbliku. Dan ma jfissirx pero' illi kull meta tissemma persuna, dan ikun qed isir b'mod ingurjuz. Saret kritika, izda lill-attrici mhu qed jigi attribwit xejn malafamanti fil-kitba in kwistjoni; hemm biss dak li hu accettabbli f'socjeta' demokratika.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xiehda tal-konvenut.

Rat id-digriet ta' din l-Qorti diversament preseduta tal-25 ta' Settembru 1997 meta l-kawza giet mibghuta quddiem din il-Qorti ghas-seduta tas-26 ta' Novembru 1997 sabiex tigi trattata u deciza.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti u tas-sottomissjonijiet tal-kontendenti.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tal-11 ta Gunju 2001 meta l-kawza giet imhollija ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

L-attrici pprocediet b'din l-istanza a termini ta' l-Att dwar l-Istampa (Kapitolu 248 tal-Ligijiet ta' Malta) billi hija hassitha ingurjata u malafamata b'dak li inkiteb minn Daphne Caruana Galizia fl-artikolu intitolat "This is no normal democracy" fil-harga tal-4 ta' Awissu 1996 tal-gazzetta "The Malta Indipendent" fejn fost affarijiet ohra intqal hekk:-

"*There are a hundred questions to be asked about this case, and nobody ever doubted that it would be a Pandor's Box of stinking sleaze. Why, for example, is the daughter of the Deputy Prime Minister defending a man charged with contracting the kulling of the Prime Minister's right hand man? Because she needs the money? She can hardly have been forced to do so at gunpoint, and common sense tells us that she should have refused such a politically sensitive case. Or have our principles been so hopelessly corrupted that we cannot see that this in fact appallingly*

*insensitive? In life it is some times necessary to say "Enough", but it is more convenient to forget this."*

Il-kaz li dan il-bran jirriferi ghalih huwa dak ta' Meinrad Calleja li, sussegwentement ghall-attentat ta' omicidju ta' Richard Cachia Caruana quddiem ir-residenza tieghu gewwa l-Mdina, gie mressaq il-Qorti u akkuzat li kien qabbad persuni biex joqtluh. Il-kaz, naturalment kien ghamel kjas, mhux semplicement ghax kien jinvolvi l-assistent personali tal-Prim Ministru, izda minhabba ukoll l-parentela tal-istess akkuzat li huwa iben l-ex-Kap Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta li kien gie imgiel jirtira wara li l-istess ibnu Meinrad kien gie mressaq b'akkuza ta' importazzjoni llegali ta' sostanzi tossici.

L-attrici hija avukat u tipprattika principalment fil-kamp kriminali. Hija ukoll bint l-illum l-Eccellenza tieghu l-President ta' Malta il-Professur Guido De Marco u li dak iz-zmien kien jokkupa l-kariga ta' Vici Prim Ministru u vici kap tal-Partit Nazzjonalista. L-artikolu ghalhekk jorbot dawn l-elementi kollha flimkien u filwaqt li jasal ghall-certa konkluzzjonijiet dwar l-kaz ta' Meinrad Calleja jaghmel ukoll certa riflessjonijiet fuq l-posizzjoni tal-attrici fix-xelta taghha li tiddifendi lill-istess akkuzat. L-implikazzjonijiet ta' dak li intqal kienu koroh u kien ghalhekk li sew l-attrici, sew il-Professur De Marco hassew in-necessita li jindirizzaw lill-media biex jigu ccarati certa fatti u principji. Eventwalment l-attrici xorta wahda hassitha insodisfatta u ghalhekk irrikorriet ghar-rimedju legali kontemplat fl-artikolu 28 tal-Att XL ta' l-1974 fejn qedha titlob il-likwidazzjoni u hlas tad-danni preskritti.

Apparti eccezzjonijiet fil-mertu z-zewg konvenuti qed jinvokaw l-protezzjoni kontemplata fil-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni

tad-Drittijiet u tal-Libertajiet Fondamentali billi jsostnu li l-liberta tal-espressjoni kif ukoll dik tal-istampa qed jigu mittifsa (bl-agir tal-attrici) u ghalhekk a termini ta' l-artikolu 4 tal-Att XIV ta' l-1987 (li ghamel ezegwibbli bhala parti mill-Ligi ta' Malta dawk l-Artikoli sostantivi tal-istess Konvenzjoni) din il-Qorti ghandha tezamina l-possibilita' jekk l-artikolu 10 tal-istess Konvenzjoni qed jigi lez fil-konfront taghhom.

L-artikolu 4 tal-Att XIV ta' l-1987 jaghti gurisdizzjoni originali lill-Prim Awla tal-Qorti Civili f'kazi meta jigi allegat li xi dritt fundamentali, gie qed jigi jew x'aktarx ser jigi miksur fir-rigward ta' persuna. Il-konvenuta Daphne Caruana Galizja qedha tinvoka din il-protezzjoni billi qed issostni li hija ghandha d-dritt tal-espressjoni, u kull kundanna jew censura, anki in bazi tal-ligi citata jikkostitwixxi vjolazzjoni tad-dritt taghha taht l-Artikolu 10. Din il-Qorti ghalhekk qed tigi adita biex tezamina l-possibilita' ta' ksur ta' dan id-dritt fonadamentali. L-istess qed jaghmel l-konvenut Noel Grima ghalkemm ir-referenza ghas-subinciz (3) tal-istess artikolu hija ghal kollox irrilevanti billi dan is-subinciz jikkontempla biss d-dritt ta' '*referenza*' minn Qorti li ma tkunx il-Prim Awla tal-Qorti Civili, meta titqajjem kwistjoni ta' lezjoni ta' dritt fondamentali.

L-artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea jghid hekk:-

1. "*Kulhadd ghandu d-dritt ghal-liberta' ta' l-espressjoni. Dan id-dritt jinkludi l-liberta' li jkollu opinjonijiet u li jircievi u jaghti informazzjoni u ideat minghajr indhil mill-awtorita' pubblika u minghajr ma jittiehed kont ta' fruntieri. Dan l-artikolu ma ghandux jimpedixxi Stati milli jehtiegu ticenzi ghax-xandir, televizjoni jew imprizi cinematografici.*"

2. *L-ezercizzju ta' dawn il-libertajiet, billi jgib mieghu dmirijiet u responsabbiltajiet, jista' jkun suggett ghal dawk il-formalitajiet, kundizzjonijiet, restrizzjonijiet jew penali kif preskritti b'ligi u li jkunu mehtiega f'socjeta' demokratika, fl-interess tas-sigurta' nazzjonali, integrita' territorjali jew sigurta politika, biex jigi evitat dizordni jew l-eghmil ta' delitti, ghall-protezzjoni tas-sahha jew tal-morali, ghall-protezzjoni* <u>*tar-riputazzjoni jew drittijiet ta' haddiehor,*</u> (sottolinear tal-Qorti) *biex jigi evitat il-kxif ta' informazzjoni ricevuta b'sigriet, jew biex tigi mizmuma l-awtorita' u l-imparzjalita' tal-gudikatura."*

Hawn naraw li d-dritt ghal-liberta' tal-espressjoni moghti mill-Konvenzjoni Ewropea ghal kemm fil-principju huwa wiehed vast, jissubixxi certa limitazzjoni fl-interess tal-"*interess pubbliku"* kif ukoll dak "*privat*". Il-liberta' tal-espressjoni ghalhekk mhux wahda assoluta b'mod li kulhadd jista' jghid li jrid izda tal-dritt ghandu jirrispetta dawk il-kawteli minimi rikjesti f'socjeta' demokratika. Naturalment kull trazzin ta' dan id-dritt ghandu jiehu forma ta' ligi 'ad hoc' intiza sabiex mhux biss tissalvagwarda dawk l-interessi 'pubblici' jew 'privati' permessi mill-istess Konvenzjoni izda ukoll sabiex taghti rimedju meta l-istess interess jigi lez billi tistabilixxi pieni u penali f'kull kaz. L-Att XL ta' l-1974, l-Att Dwar l-Istampa, jipprovdi proprju ghal dawn l-eventwalitajiet billi mhux biss jelenka l-kazi meta l-liberta' tal-espressjoni ghandha ssofri limitazzjoni izda ukoll jipprovdi ghal pieni u, fil-kaz in parola, jaghti d-dritt lill-parti malafamata li tadixxi l-Qorti u titlob rimedju fi forma ta' penali skond l-artikolu 28 tal-istess Att.

Issa jidher li l-eccezzjoni tal-konvenuti mhux intiza sabiex din il-Qorti tiddikjara li l-Att XL fih innifsu huwa leziv tal-Konvenzjoni Ewropea, izda li l-azzjoni mehuda mill-attrici in forza tal-istess Ligi Dwar l-Istampa, jista' jkun leziv tad-dritt tal-espressjoni. Din is-sottomissjoni tal-konvenuti, fil-fehma ta' din il-Qorti, hija inaccettabbli. L-uniku

rimedju ghall-attrici ghall-allegata malafama, huma l-provvedimenti tal-Ligi Dwar l-Istampa. Ghalhekk li wiehed jsostni li dak ir-rimedju fih innifsu, li wara kollox huwa permess mill-istess Konvenzjoni, jikser id-dritt tal-liberta' tal-opinjoni, jista' biss jwassal ghall-konkluzzjoni li ebda persuna ma tkun tista' tipprotegi lilha nfisha fir-"*riputazzjoni jew drittijiet*" taghha meta tigi b'xi mod ingurjata. Wiehed ghalhekk ma jistax jikkonsidra r-rimedju moghti mil-ligi bhala leziv tad-dritt tal-liberta' tal-espressjoni. Izda, ghal kuntrarju, jrid jigi ezaminat a termini tal-istess ligi tal-Istampa jekk l-istampat kienx jammonta ghall-malafama jew le u f'dak l-istadju se mai ghandhom jigu kunsidrati l-principju enuncjati mill-Qorti Ewropea jew l-qrati nostrani. Din l-eccezzjoni ghalhekk qed tigi michuda.

Ikkunsidrat:-

Dwar il-mertu proprju tal-kaz ghandu jinghad li l-artikolu in kwistjoni huwa ezami kritiku tal-attitudini taz-zewg partiti politici in materja ta' droga. Il-kittiba turi l-frustrazzjoni taghha dwar is-silenzju tal-medja in generali u dwar l-intervent tal-partiti politici jew membri partikolari tal-istess pariti fil-glieda kontra d-droga. Ghalhekk jissemma l-helsien ta' Queroz. Jissemma l-fatt li Meinrad Calleja inheles minn habs fl-Italia xi zmien qabel fejn kien qed jiskonta piena ta' habs in konnessjoni ma pussess ta' droga. Jissemma l-intervent tal-Professur Guido Demarco in konnessjoni mal-helsien tal-istess Calleja u finalment tissemma ukoll l-inattivita' tal-gurnalista Joe Mifsud.  Sa hawn jidher li l-artikolu jaqa' taht l-aspett ta' "fair comment" bazat fuq fatti realment akkaduti. L-artikolu, ghalkemm iebes, huwa l-espressjoni tal-hsieb tal-awtur li fil-generalita' tieghu jirrifletti dak li kien qed jistaqsi l-poplu. Ghalhekk

fil-kuntest ta' dak li jintqal fl-artikolu din il-Qorti ma tara xejn hazin fl-uzu tal-kliem "stinking sleaze".

Li huwa allarmanti u din il-Qorti thoss li hemm nuqqas ta' bona fede da parti tal-kittieba huwa l-fatt li fil-kuntest ta' dak kollu li intqal, minghajr l-ickenn prova l-attrici, persuna distakkata mil-kamp politiku, ghalkemm bint wiehed mir-rappresentanti ewlenin tal-Partit Nazzjonalista, qedha tigi assocjata ma' dan li "*stinking sleaze*" semplicement ghax kienet qed taqdi l-funzjoni taghha qua difensur fil-kamp kriminali. Ghalkemm wiehed jista' forsi jimmedezima ruhu mal-kumment tal-konvenuta li l-ghazla ta' l-attrici seta' kien "insensitive" u dana minhabba c-cirkostanzi tal-kaz, dan ma jintitolax lill-konvenuta li titfa del fuq l-professjonalita' tal-attrici fil-qadi tad-dmirijiet taghha bhala ufficjal tal-Qorti. L-attrici, flimkien ma Dr. Emmanuel Mallia, ma min kienet assocjata, assumiet d-difiza ta' Meinrad Calleja fil-kaz tal-akkuza ta' "contracting killing". Dan ghamlitu fuq talba tal-parenti tal-istess Meinrad Calleja minghajr ma kienet taf il-mertu proprju tal-akkuza u anke stante li l-istess Calleja kien gia patrocinat minnhom fi proceduri kriminali ohrajn pendenti. Meta avukat difensur jassumi l-patrocinju tal-parti, huwa gust li wiehed jassumi li x-xelta tkun wahda libera u spirata lejn l-ghan ewlieni li terbah il-gustizzja billi l-patrocinat jkun debitament rappresentat fil-proceduri legali. Ma hemmx raguni ilghala din l-aspettativa ma kienetx presenti fl-attrici meta accettat il-"brief". L-awtrici tal-kitba izda twarrab ghal kollox din il-presunzjoni tal-indipendenza tal-professjoni legali u b'serje ta' mistoqsijiet tipprova taghti lill-attrici skopijiet ulterjuri oltre dawk ta' natura purament professjonali. Tant hu hekk li l-konvenuta tasal sahansitra sabiex tistaqsi b'mod retoriku u dejjem fil-konfront ta' l-attrici "*have our principles been so hopelessly corrupted*".

Jidher ghalhekk li l-attrici kellha ragun li thossa malfamata u konsegwentement hija intitolata ghar-rimedju preskritt mil-ligi sew minghand l-konvenuta Caruana Galizia bhala awtrici tal-kitba kif ukoll minghand l-konvenut Noel Grima bhala responsabbli tal-gazzetta li xandret il-malafama.

L-artikolu 28 tal-Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li f'kaz ta' malafama perpetrata bil-mezzi imsemmija fl-artikolu 3 tal-istess Att, il-qorti tista' oltre d-danni dovuti skond kullligi ohra, takkorda lill-parti malafamata somma mhux eccedenti hamest elef lira maltin (LM5,000).

Il-qorti wara li hasbet fit-tul fuq l-gravita tal-malafama perpetrata kontra membru tal-professjoni legali fil-qadi tad-dmirijiet tieghu u l-konsegwenzi ghar-reputazzjoni ta' l-attrici fl-ezercizzju tal-istess professjoni sew di fronte ghal klassi legali kif ukoll ghall-pubbliku in generali, hija tal-fehma li l-attrici ghandha tigi akkordata s-somma ta' tmien mitt lira maltin (LM800) li ghandhom jigu sopportati kwantu ghal tlett kwarti mill-konvenuta Daphne Caruana Galizia u kwart mill-konvenut Noel Grima nomine.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet taz-zewg konvenuti, tilqa' t-talbiet attrici, tiddikjara li l-konvenuti taw malafama lill-attrici bl-istampat fuq riferit u konsegwentement tikkundanna lill-konvenuta Daphne Caruana Galizia thallas lill-attrici s-somma ta' sitt mitt lira maltin (LM600) u tikkundanna lill-konvenut Noel Grima ihallas lill-attrici s-somma ta' mitejn lira maltin (LM200).

L-ispejjes ghandhom jigu sopportati kwantu ghal-tlett kwarti mill-konvenuta Daphne Caruana Galizia u kwart mill-konvenut Noel Grima.

Onor Imhallef Albert J. Magri